Kunsill Lokali
Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 46 – 23 ta' Diċembru 2022**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficju tal-Kunsill Lokali Għajnsielem nhar il-Ġimgħa 23 ta' Diċembru 2022 fl-4:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

**46.1 Talba**

46.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

**46.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

46.2.1 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**46.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

46.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**46.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

46.4.1 Is-Sindku rrefera għall-attivitajiet tal-Milied bħala suċċess kbir u li għalihom kien hemm konkorrenza tajba ħafna u ntlaqgħu tajjeb ħafna man-nies li attendew għalihom. Huwa stieden lill-kunsilliera għal diskussjoni tal-kumplament tal-attivitajiet fl-item 46.6 tal-Agenda.

**46.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

46.5.1 Il-Kunsilliera ma kellhomx punti xi jressqu.

## 46.6 Attivitajiet tal-Milied u Bethlehem f'Għajnsielem

46.6.1 Kulma fadal bħala attivitajiet minbarra Bethlehem f'Għajnsielem huma t-tqassim tar-rigali minn Santa Clause lejliet il-Milied, iż-żjara lill-anzjani li jgħixu waħidhom u l-Miġja tal-Maġi.

46.6.2 Il-Kunsill qabel li ż-żjara lill-anzjani li jgħixu waħidhom għandha issir nhar l-Erbgħa 28 ta' Diċembru 2022 wara t-3pm.

46.6.3 Is-Sindku stieden lil Viċi Sindku Franco Ciangura jgħaddi d-draft tal-programm tal-attivita' tal-Miġja tal-Maġi li ser issir nhar issir nhar is-Sibt 7 ta' Jannar u l-Hadd 8 ta' Jannar 2022.

46.6.4 Il-Viċi Sindku għamel referenza għall-programm li huwa maħsub li jitqassam kif ġej:-

***Is-Sibt, 7 ta' Jannar 2023***
9.30am - Mtarfa – Dar tal-Anzjani
11.00am – San Vinċenz de Paul
12.45pm – Qormi - Dar Madre Margherita u Knejjes tal-lokalita'
2.00pm – Sptar Mater Dei
4.30pm - Hamrun - Presepju Ħaj f'Misraħ San Franġisk (Triq Misraħ Barrieri – Parkeġġ Lidl)
***Il-Ħadd, 8 ta' Jannar 2023***
9.00am – Tluq mill-Imġarr (Malta)
10.15am – Dar tal-anzjani Mellieħa
11.00am – Attivita fil-bitħa tas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa
12.00pm – Tluq lejn ic-Ċirkewwa fuq iż-żwiemel
2.30pm – Tluq bil-vapur tal-Gozo Channel
3.00pm – Tluq mill-Port tal-Imġarr
3.45pm – Dħul trijunfali fil-villaġġ tan-Nativita Bethlehem f'Għajnsielem

## 46.7 Materji oħra

46.7.1 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

## 46.8 Approvazzjoni tal-Pagamenti

46.8.1 Sar qbil li l-approvazzjoni tal-Pagamenti jsiru fil-laqgħa li jmiss.

## 46.9 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

46.9.1 Il-laqgħa ntemmet fil-5:30pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Hamis 12 ta' Jannar 2023.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**